Nru./No. 20,768
Prezz/Price
€6.66

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 14 ta' Jannar, 2022
Friday, 14th January, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 245 - 301
*Government Notices* ..... *245 - 301*

Avviżi lill-Baħħara ..... 302 - 307
*Notices to Mariners* ..... *302 - 307*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 308 - 357
*Employment Opportunities* ..... *308 - 357*

Avviżi tal-Gvern ..... 358 - 376
*Notices* ..... *358 - 376*

Offerti ..... 377 - 385
*Tenders* ..... *377 - 385*

Avviżi tal-Qorti ..... 385 - 388
*Court Notices* ..... *385 - 388*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 33**

**AWTORITÀ DWAR IX-XANDIR GĦAL MALTA**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 118(2) tal-Kostituzzjoni, ħatar mill-ġdid lis-Sur Charlò Bonnici, Dott. Peter Fenech, is-Sur Frans Ghirxi u Dott. Alessandro Lia bħala membri tal-Awtorità dwar ix-Xandir għal Malta għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2022.

L-14 ta' Jannar, 2022
(OPM/985/1964/II)

**Nru. 34**

**FORZI ARMATI TA' MALTA**
**FORZA REGOLARI**

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-għotja ta' Kummissjoni fir-rank ta' Logutenent Uffiċjal Spiżjar (non-combatant) fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, lil Mr Kurt Degabriele b'seħħ mit-17 ta' Jannar, 2022.

L-14 ta' Jannar, 2022

**Nru. 35**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ATT**
**FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru I tal-2022 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

L-14 ta' Jannar, 2022

**Nru. 36**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ**
**TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 257 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar l-*Empowerment* tal-Persuni fuq il-Firxa Wiesgħa ta' Awtiżmu.

L-14 ta' Jannar, 2022

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 33**

**BROADCASTING AUTHORITY FOR MALTA**

IT is notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, in accordance with the provisions of Section 118(2) of the Constitution, has re-appointed Mr Charlò Bonnici, Dr Peter Fenech, Mr Frans Ghirxi and Dr Alessandro Lia as members of the Broadcasting Authority for Malta for a period of two years with effect from 1st January, 2022.

14th January, 2022

**No. 34**

**ARMED FORCES OF MALTA**
**REGULAR FORCE**

THE President of Malta has the pleasure to approve the grant of a Commission in the rank of Lieutenant Pharmacist Officer (non-combatant) in the Armed Forces of Malta (Regular Force) to Mr Kurt Degabriele with effect from 17th January, 2022.

14th January, 2022

**No. 35**

**PUBLICATION OF ACT**
**IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. I of 2022 entitled the Consumer Affairs (Amendment) Act, 2022.

14th January, 2022

**No. 36**

**PUBLICATION OF BILL**
**IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 257 entitled the Persons within the Autism Spectrum (Empowerment) (Amendment) Act, 2022.

14th January, 2022

**Nru. 37**

**AĠENZIJA GĦALL-ENERĠIJA U L-ILMA**

**Il-Promozzjoni tal-Awditi tal-Enerġija fl-Iskema tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju – Applikazzjonijiet għall-Iskema A skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 - ir-Regolament *De Minimis***

SABIEX tkompli tħeġġeġ l-użu aħjar tar-riżorsi fi ħdan l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju kif ukoll biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ta' sostenibbiltà, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma qed tamministra l-iskema ffinanzjata nazzjonali li ġejja li għandha l-għan li tippromwovi l-awditjar tal-enerġija fi ħdan l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Iskema").

**1. Deskrizzjoni tal-Iskema**

Permezz ta' din l-Iskema, l-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju li jikkwalifikaw jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju sabiex isir awditu tal-enerġija mwettaq minn awditur tal-enerġija ċċertifikat. Permezz tal-awditjar tal-enerġija, se jiġu identifikati opportunitajiet u investimenti għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u fl-ilma għal dawn l-intrapriżi.

L-intrapriżi għandhom japplikaw permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni tal-Iskema A uffiċjali, li tinstab fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. L-awditu tal-enerġija għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Iskeda. Wara li tirrieżamina l-Applikazzjoni, l-Aġenzija se tinforma lill-intrapriża permezz ta' ittra ta' intenzjoni jekk l-għotja għat-twettiq tal-awditu ġietx approvata. L-awditu għandu jitwettaq minn awditur tal-enerġija ċċertifikat magħżul mil-lista uffiċjali ta' awdituri tal-enerġija ppubblikata fuq is-sit web tar-Regolatur għas-Sorsi tal-Enerġija u tal-Ilma (REWS). Ir-rapport tal-awditjar għandu jiġi ppreżentat lill-Aġenzija fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-ittra ta' intenzjoni, sakemm l-Aġenzija tkun tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti estensjoni ta' darba biss għal dan il-perjodu fuq talba mill-intrapriża, liema talba għandha tistabbilixxi b'mod ċar ir-raġuni u l-ġustifikazzjoni għat-talba għal tali estensjoni. Ladarba l-awditu tal-enerġija jitlesta u jiġi ppreżentat lill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, din tal-aħħar se tiżgura li r-rapport jissodisfa r-rekwiżiti minimi kif dettaljati fl-Iskeda. Wara l-verifika tar-rapport tal-awditjar, l-impriża unika mbagħad tirċievi pagament għall-eżerċizzju tal-awditjar tal-enerġija abbażi tar-riċevuta fiskali oriġinali mibgħuta lill-Aġenzija li tindika l-ispiża attwali tal-awditu tal-enerġija. L-ammont rimborżat effettivament għandu jkun soġġett għal-limitu massimu stabbilit fit-Taqsima 4.

Barra minn hekk, l-intrapriża għandha tibbenefika minn ammont ta' rifużjoni addizzjonali kif deskritt fit-taqsima 4 jekk waħda mill-opportunitajiet għat-titjib tal-enerġija identifikati fir-rapport tal-awditjar tiġi ppreżentata f'wieħed mill-mudelli meħtieġa, li jinstabu fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija

**No. 37**

**ENERGY AND WATER AGENCY**

**Promotion of Energy Audits in Small and Medium Sized Enterprises Scheme – Scheme A applications under Commission Regulation (EU) No 1407/2013 - the *De Minimis* Regulation**

IN order to further encourage the better use of resources within Small and Medium Enterprises and also to reach the national sustainability targets, the Energy and Water Agency is administering the following national funded scheme which aims to promote energy auditing within Small and Medium Enterprises (hereinafter referred to as the "Scheme").

**1. Scheme Description**

Through this Scheme, qualifying Small and Medium sized Enterprises may benefit from financial support in order to have an energy audit carried out by a certified energy auditor. Through the energy audit, energy and water efficiency improvement opportunities and investments will be identified for these enterprises.

Enterprises are to apply on the official Application Form Scheme A, which can be found on the Energy and Water Agency website. The energy audit shall comply with the minimum requirements established in the Schedule . After reviewing the Application, the Agency will inform the enterprise through a letter of intent whether the grant to carry out the audit has been approved. The audit shall be carried out by a certified energy auditor chosen from the official list of energy auditors published on the website of the Regulator for Energy and Water Sources (REWS). The audit report is to be presented to the Agency within six (6) months from the date of the letter of intent, provided that the Agency may, at its discretion, grant a one-time only extension to this period upon request from the enterprise, which request shall clearly lay down the reason and justification for requesting such extension. Once the energy audit is complete and submitted to the Energy and Water Agency, the latter will ensure that the report meets the minimum requirements as detailed in the Schedule. Following the verification of the audit report, the single undertaking will then receive payment for the energy audit exercise based on the original fiscal receipt forwarded to the Agency indicating the actual cost of the energy audit. The amount effectively refunded shall be subject to the capping laid down in Section 4.

In addition, the enterprise shall benefit from an additional refund amount as described in section 4 if one of the energy improvement opportunities identified in the audit report is presented in one of the required templates, which can be found on the Energy and Water Agency website. The Agency

u l-Ilma. L-Aġenzija se tirrieżamina l-mudell mimli flimkien mar-rapport tal-awditjar, inkluż li l-ispejjeż relatati mal-kompilazzjoni tal-mudell ikunu komponent tal-awditu tal-enerġija inkwistjoni, u jikkonfermaw jekk dan jiġix aċċettat sabiex ikun jista' jsir l-iżborż tar-rifużjoni addizzjonali.

**2. Definizzjonijiet**

**Awditu tal-Enerġija** - Awditu tal-enerġija huwa proċedura sistematika bil-għan li jinkiseb għarfien adegwat tal-profil eżistenti tal-konsum tal-enerġija ta' binja jew grupp ta' binjiet, operazzjoni jew installazzjoni industrijali jew kummerċjali jew servizz privat jew pubbliku, li jidentifika u jikkwantifika opportunitajiet kosteffettivi għall-iffrankar tal-enerġija, u jirrapporta s-sejbiet. Għall-finijiet ta' din l-Iskema, l-awditu tal-enerġija għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Iskeda;

**Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat** - Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat huwa persuna inkluża fil-lista uffiċjali ppubblikata fuq is-sit web tar-REWS li tikkonferma li l-awditur attenda taħriġ f'konformità mal-ISO 50002.

**Impriża Unika** - għandha tinkludi, għall-finijiet ta' din l-Iskema, l-intrapriżi kollha li jkollhom tal-anqas waħda (1) mir-relazzjonijiet li ġejjin ma' xulxin:

i. intrapriża waħda għandha maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

ii. intrapriża waħda għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' intrapriża oħra;

iii. intrapriża waħda għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt konkluż ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha;

iv. intrapriża waħda, li hija azzjonist fi jew membru ta' intrapriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra fi jew membri ta' dik l-intrapriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

L-intrapriżi li jkollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (i) sa (iv) tal-ewwel subparagrafu permezz ta' intrapriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu wkoll bħala impriża unika.

Din id-definizzjoni hija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*, li jindika wkoll li grupp ta' intrapriżi marbuta jitqies bħala impriża unika waħda għall-applikazzjoni tar-regola *de minimis*, iżda dawk l-intrapriżi li ma għandhom l-ebda relazzjoni ma' xulxin ħlief għall-fatt li kull waħda minnhom għandha rabta

will review the filled in template provided in addition to the audit report, including that the expenses related to the compilation of the template are a component of the energy audit in question, and confirm if this is accepted in order to allow the disbursement of the additional refund.

**2. Definitions**

**Energy Audit** - An energy audit is a systematic procedure with the purpose of obtaining adequate knowledge of the existing energy consumption profile of a building or group of buildings, an industrial or commercial operation or installation or a private or public service, identifying and quantifying cost-effective energy savings opportunities, and reporting the findings. For the purpose of this Scheme the energy audit shall comply with the minimum requirements established in the Schedule;

**Certified Energy Auditor** - A Certified Energy Auditor is a person included in the official list published on the website of REWS confirming that the auditor has attended training in line with ISO 50002.

**Single Undertaking** - shall include, for the purpose of this Scheme, all enterprises having at least one (1) of the following relationships with each other:

i. one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprises;

ii. one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

iii. one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered into with that enterprise or to a provision in its memorandum or articles of association;

iv. one enterprise , which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (i) to (iv) of the first subparagraph through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking.

This definition is as per Commission Regulation EU No 1407/2013 of 18 December 2013 on the application of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid , which further indicates that a group of linked enterprises is considered as one single undertaking for the application of the *de minimis* rule, but those enterprises which have no relationship with each other except for the fact that each of them has a direct link to the same public

diretta mal-istess korp jew korpi pubbliċi mhumiex ittrattati bħala marbuta ma' xulxin. Għalhekk, titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-intrapriżi kkontrollati mill-istess korp jew korpi pubbliċi, li jista' jkollhom setgħa indipendenti ta' deċiżjoni.

**3. Benefiċjarji**

Il-benefiċjarji maħsuba tal-Promozzjoni tal-Awditi tal-Enerġija fl-Iskema tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju – Skema A huma impriżi uniċi li huma intrapriżi żgħar u/jew ta' daqs medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (2003/361/KE) li huma eliġibbli għall-Għajnuna mill-Istat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ir-Regolament *de minimis* ) kif emendat.[1]

**4. Dettalji tal-Għajnuna**

L-għajnuna se tkun fil-forma ta' għotja u l-impriża unika tista' tibbenefika darba biss minn din il-miżura. Kwalunkwe impriża li tkun inħarġitilha ittra ta' intenzjoni datata taħt l-iskema *"Il-Promozzjoni tal-Awditi tal-Enerġija fl-Iskema tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju - Applikazzjonijiet għall-Iskema A skont ir-Regolament de minimis (ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1407/2013) Għotja għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju wara l-eżekuzzjoni ta' awditu tal-enerġija li jidentifika l-konsum tal-enerġija, l-opportunitajiet ta' ffrankar tal-enerġija u l-investimenti*" kif ippubblikata fis-6 ta' April permezz tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 408 tal-2018, kif emendat, u li ma jkunux ippreżentaw rapport tal-awditjar sal-31 ta' Diċembru, 2021, se jaqgħu awtomatikament taħt din l-iskema l-ġdida u l-limitu massimu mogħti hawn taħt, mal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż. Se tinħareġ ittra ta' intenzjoni ġdida lil dawn l-impriżi biex dan jiġi rifless. L-assistenza se tiġi limitata kif ġej:

| | | **Għotja** |
|---|---|---|
| Kategorija 1 | Intrapriżi ta' Daqs Medju fil-Kodiċi C u I tan-NACE | €5,000 |
| Kategorija 2 | Intrapriżi ta' Daqs Medju fil-Kodiċijiet l-oħra kollha tan-NACE | €3,000 |
| Kategorija 3 | Intrapriżi ta' Daqs Żgħir fil-Kodiċi C tan-NACE u s-sottogrupp 55 tal-Kodiċi tan-NACE | €3,000 |
| Kategorija 4 | Intrapriżi ta' Daqs Żgħir fil-Kodiċijiet l-oħra kollha tan-NACE u fis-sottogruppi tal-Kodiċi tan-NACE | € 1,000 |

[1]http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/l_379/l_37920061228en00050010.pdf

body or bodies are not treated as being linked to each other. The specific situation of enterprises controlled by the same public body or bodies, which may have an independent power of decision, is therefore taken into account.

**3. Beneficiaries**

The intended beneficiaries of the Promotion of Energy Audits in Small and Medium Sized Enterprises Scheme – Scheme A are single undertakings that are small and/or medium sized enterprises as defined in Commission Recommendation of 6 May 2003 concerning the definition of micro, small and medium-sized enterprises (2003/361/EC) that are eligible for State Aid under Commission Regulation (EU) No. 1407/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to *de minimis* aid (the *de minimis* Regulation) as amended.[1]

**4. Details of Aid**

The aid will be in the form of a grant and the single undertaking may benefit only once from this measure. Any undertakings, who have been issued a letter of intent under the scheme *'Promotion of Energy Audits in Small and Medium Sized Enterprises Scheme -Scheme A applications under the De Minimis Regulation (Commission Regulation No. 1407/2013) A grant for small and medium sized enterprises following the execution of an energy audit identifying energy consumption, energy saving opportunities and investments'* as published on the 6th of April by Government Notice number 408 of 2018, as amended, and which will not have submitted an audit report by 31st December, 2021, will automatically fall under this new scheme and the capping given below, upon publication of this notice. A new letter of intent will be issued to these undertakings to reflect this. The assistance will be capped as follows:

| | | **Grant** |
|---|---|---|
| Category 1 | Medium Sized Enterprises in the NACE Code C and I | € 5,000 |
| Category 2 | Medium Sized Enterprises in all other NACE Codes | € 3,000 |
| Category 3 | Small Sized Enterprises in the NACE Code C and NACE Code I subgroup 55 | € 3,000 |
| Category 4 | Small Sized Enterprises in all other NACE Codes and NACE Code subgroups | € 1,000 |

[1]http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/l_379/l_37920061228en00050010.pdf

*4.1 Rifużjoni Addizzjonali*

Tista' tintalab rifużjoni addizzjonali ta' €500 għal kull intrapriża jekk tiġi ppreżentata waħda mill-opportunitajiet għat-titjib tal-enerġija identifikati fir-rapport tal-awditjar f'wieħed mill-mudelli disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Id-dettalji tal-materjal li għandu jiġi ppreżentat huma mogħtija fl-Iskeda.

**5. Spejjeż Eliġibbli**

L-ispiża eliġibbli hija l-ispiża li l-awditur tal-enerġija ċċertifikat itella' matul it-twettiq tal-awditu tal-enerġija skont l-Iskeda. L-ispejjeż relatati ma' kwalunkwe telf jew dewmien fil-produzzjoni jew fl-operazzjoni minħabba l-awditu mhumiex eliġibbli.

**6. Formola tal-Applikazzjoni**

L-applikanti jistgħu japplikaw għal għotja taħt din l-iskema permezz tal-Formola tal-Applikazzjoni li tista' titniżżel mis-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (http://www.energywateragency.gov.mt/). Kif indikat fil-formola tal-applikazzjoni, l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu:

a. Kopja tal-Karta tal-Identità/Dettalji tal-passaport tal-applikant jew ta' firmatarju/firmatarji fil-każ ta' kumpanija jew organizzazzjoni;

b. Kopja taċ-Ċertifikat tal-VAT fil-każ ta' kummerċjant waħdieni;

c. Formola ta' dikjarazzjoni *de minimis* iffirmata mir-rappreżentant legali tal-impriża unika li turi li l-impriża unika ma rċeviet l-ebda għotja li qabżet jew se taqbeż l-ammont aggregat ta' €200,000 (jew €100,000 fil-każ ta' impriża unika li twettaq it-trasport tal-merkanzija bit-triq għal kiri jew għal kumpens) fuq perjodu kontinwu ta' tliet snin fiskali f'termini tar-Regolament *de minimis*.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati fuq il-formola xierqa lill-indirizz elettroniku (energyefficiency@gov.mt). L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

**7. Tul ta' żmien tal-iskema**

L-applikazzjonijiet għal din is-sejħa skont l-iskema jistgħu jintlaqgħu b'mod validu mill-1 ta' Jannar 2022 sat-30 ta' Settembru 2023.

Din l-iskema tista' tiġi mmodifikata jew itterminata qabel dik id-data permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema tista' tiġġedded kif jista' jitqies meħtieġ mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma wkoll permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

*4.1 Additional Refund*

An additional refund of €500 per enterprise can be claimed against the presentation of one of the energy improvement opportunities identified in the audit report in one of the templates available on the Energy and Water Agency website. Details of the material to be presented are given in the Schedule.

**5. Eligible Costs**

The eligible cost is the cost raised by the certified energy auditor in the course of carrying out the energy audit as per the Schedule. Expenses related to any loss or delays in production or operation due to the audit are not eligible.

**6. Application Form**

Applicants may apply for a grant under this scheme by means of the Application Form downloadable from the website of the Energy and Water Agency (http://www.energywateragency.gov.mt/). As indicated in the application form, applicants are required to submit:

a. A copy of the ID card/Passport details of applicant or a signatory/signatories in case of a company or organisation;

b. A copy of the VAT Certificate in case of a sole trader;

c. A *de minimis* declaration form signed by the legal representative of the single undertaking showing that the single undertaking has not received grants which exceeded or will exceed the aggregate of €200,000 (or €100,000 in the case of a single undertaking performing road freight transport for hire or reward) over a rolling three fiscal year period in terms of the *de minimis* Regulation.

Applications shall be submitted on the appropriate form to the email address (energyefficiency@gov.mt). Applications will be processed on a first-come first-served basis

**7. Duration of the scheme**

Applications for this call under the scheme may be validly received as from the 1st January 2022 till 30th September 2023.

This scheme may be modified or terminated before that date by means of a notice in the Government Gazette. This scheme may be renewed as may be deemed necessary by the Energy and Water Agency also by means of a notice in the Government Gazette.

**8. Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat**

*8.1 Għajnuna mill-Istat Applikabbli*

Din l-iskema se tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ir-Regolament *de minimis*), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni u l-aġġustamenti rilevanti tiegħu.

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża unika ma għandux jaqbeż l-ammont ta' €200,000 matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali konsekuttivi.

Dan il-limitu massimu aggregat japplika fil-prinċipju għas-setturi ekonomiċi kollha bl-eċċezzjoni ta' impriża unika li twettaq trasport tal-merkanzija bit-triq għall-kiri jew għal kumpens li għalih japplika limitu *de minimis* aktar baxx ta' €100,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali. Is-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd huma soġġetti għal limiti u kriterji differenti. Dan il-perjodu jkopri s-sena fiskali kkonċernata kif ukoll is-sentejn fiskali preċedenti. "Sena fiskali" tfisser is-sena fiskali kif użata għall-finijiet tat-taxxa mill-impriża kkonċernata.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna kollha mill-Istat mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-regola *de minimis* inkluża dik riċevuta minn kwalunkwe entità minbarra l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Kwalunkwe għajnuna *de minimis* riċevuta li taqbeż il-limitu stabbilit trid tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

Il-formola tad-dikjarazzjoni *de minimis*[2] għandha timtela u tiġi ppreżentata flimkien mal-formola tal-applikazzjoni.

*8.2 Applikabbiltà tal-Għajnuna*

L-assistenza approvata skont din l-iskema ta' għajnuna MHIJIEX:

a. Għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, kif koperta mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000[3];

[2]Il-Formola ta' dikjarazzjoni de minimis tista' titniżżel flimkien mal-applikazzjoni mill-website tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma.

[3] Council Regulation (EC) No 104/2000 of 17 December 1999 on the common organisation of the markets in fishery and aquaculture products (OJ L 17, 21.1.2000, p. 22)

**8. State Aid Rules**

*8.1 Applicable State Aid*

This scheme will be implemented in line with Commission Regulation (EU) No. 1407/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to *de minimis* aid (the *de minimis* Regulation), as amended by Commission Regulation (EU) 2020/972 of 2 July 2020 amending Regulation (EU) No. 1407/2013 as regards its prolongation and amending Regulation (EU) No. 651/2014 as regards its prolongation and relevant adjustments.

The total amount of *de minimis* aid granted to a single undertaking shall not exceed the amount of €200,000 over any period of three consecutive fiscal years.

This aggregate maximum threshold applies in principle to all economic sectors with the exception of a single undertaking performing road freight transport for hire or reward for which a lower *de minimis* threshold of €100,000 over any period of three fiscal years applies. The agriculture and fisheries sectors are subject to different thresholds and criteria. This period covers the fiscal year concerned as well as the previous two fiscal years. 'Fiscal year' means the fiscal year as used for tax purposes by the undertaking concerned.

This maximum threshold would include all State aid granted under this aid scheme and any other State aid measure granted under the *de minimis* rule including that received from any entity other than the Energy and Water Agency. Any *de minimis* aid received in excess of the established threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

The *de minimis* declaration form[2] must be filled in and submitted together with the application form.

*8.2 Applicability of the Aid*

Assistance approved under this aid scheme is NOT:

a. Aid granted to undertakings active in the fishery and aquaculture sector, as covered by Council Regulation (EC) No. 104/2000[3];

[2]The de minimis Aid Declaration may be downloaded in conjunction with the application from the website of the Energy and Water Agency.

[3] Council Regulation (EC) No 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 fuq il-common organisation of the markets in fishery and aquaculture products (OJ L 17, 21.1.2000, p. 22)

b. Għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli;

c. Għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fis-settur tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fil-każijiet li ġejjin:

Meta l-ammont tal-għajnuna jkun stabbilit abbażi tal-prezz jew tal-kwantità ta' tali prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;

Meta l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;

d. Għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi jew Stati Membri terzi, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mal-istabbiliment u l-operat ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' nefqa kurrenti oħra marbuta mal-attività ta' esportazzjoni;

e. Għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' oġġetti domestiċi bi preferenza fuq dawk importati;

f. Għajnuna għall-akkwist ta' vetturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq mogħtija lil impriżi li jwettqu trasport tal-merkanzija bit-triq b'kiri jew b'kumpens.

Meta impriża tkun attiva fis-setturi msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ta' hawn fuq kif ukoll f'setturi oħra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament *de minimis*, l-Aġenzija se tiżgura separazzjoni tal-attivitajiet jew distinzjoni tal-ispejjeż. Huma biss dawk is-setturi eliġibbli għall-assistenza skont ir-Regolament *de minimis* li se jiġu megħjuna. L-attivitajiet fis-setturi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament *de minimis* mhux se jibbenefikaw mill-assistenza taħt din l-iskema ta' għajnuna.

*8.3 Kumulazzjoni tal-Għajnuna*

F'termini tal-Artikolu 5 tar-Regolament *de minimis*, l-għajnuna *de minimis* mogħtija taħt dan l-inċentiv tista' tiġi kumulata ma' għajnuna *de minimis* mogħtija f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012[4] sal-limitu stabbilit f'dak ir-Regolament. Din tista' tiġi kumulata ma' għajnuna *de minimis* mogħtija f'konformità ma' regolamenti *de minimis* oħra sal-limitu massimu rilevanti stabbilit f'termini ta' din l-iskema.

L-għajnuna *de minimis* approvata skont il-Promozzjoni tal-Awditi tal-Enerġija fl-**Iskema** tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs

[4]Commission Regulation (EU) No 360/2012 tal-25 ta' April 2012 fuq l-applikazzjoni ta' Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid granted to undertakings providing services of general economic interest (OJ L 114, 26.4.2012, p. 8)

b. Aid granted to undertakings active in the primary production of agricultural products;

c. Aid granted to undertakings active in the sector of processing and marketing of agricultural products, in the following cases:

Where the amount of the aid is fixed on the basis of the price or quantity of such products purchased from primary producers or put on the market by the undertakings concerned;

Where the aid is conditional on being partly or entirely passed on to primary producers;

d. Aid to export-related activities towards third countries or Member States, namely aid directly linked to the quantities exported, to the establishment and operation of a distribution network or to other current expenditure linked to the export activity;

e. Aid contingent upon the use of domestic over imported goods;

f. Aid for the acquisition of road freight transport vehicles granted to undertakings performing road freight transport for hire or reward.

Where an undertaking is active in the sectors referred to in points (a), (b) and (c) above as well as in other sectors falling within the scope of the *de minimis* Regulation, the Agency will ensure a separation of the activities or distinction of costs. Only those sectors eligible for assistance under the *de minimis* Regulation will be assisted. Activities in the sectors excluded from the scope of the *de minimis* Regulation will not benefit from assistance under this aid scheme.

*8.3 Cumulation of Aid*

In terms of Article 5 of the *de minimis* Regulation, *de minimis* aid granted under this incentive may be cumulated with *de minimis* aid granted in accordance with Commission Regulation (EU) No 360/2012[4] up to the ceiling laid down in that Regulation. It may be cumulated with *de minimis* aid granted in accordance with other *de minimis* regulations up to the relevant ceiling fixed in terms of this scheme.

*De minimis* aid approved under the Promotion of Energy Audits in Small and Medium Sized Enterprises **Scheme**

[4]Commission Regulation (EU) No 360/2012 of 25 April 2012 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid granted to undertakings providing services of general economic interest (OJ L 114, 26.4.2012, p. 8)

Medju ma għandhiex tiġi kumulata ma' Għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli jew ma' Għajnuna mill-Istat għall-istess miżura ta' finanzjament ta' riskju, jekk tali kumulazzjoni taqbeż l-ogħla intensità ta' għajnuna jew ammont ta' għajnuna rilevanti stabbiliti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ minn regolament għall-eżenzjoni sħiħa jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni Ewropea. L-għajnuna *de minimis* li ma tingħatax għal spejjeż eliġibbli speċifiċi jew li ma tistax tiġi attribwita għalihom tista' tiġi kumulata ma' għajnuna oħra mill-Istat mogħtija skont regolament għall-eżenzjoni sħiħa jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.

shall not be cumulated with State Aid in relation to the same eligible costs or with State Aid for the same risk finance measure, if such cumulation would exceed the highest relevant aid intensity or aid amount fixed in the specific circumstances of each case by a block exemption regulation or a decision adopted by the European Commission. *De minimis* aid which is not granted for or attributable to specific eligible costs may be cumulated with other State aid granted under a block exemption regulation or a decision adopted by the Commission.

**Skeda**

*Għan*

L-għan tal-awditu tal-enerġija skont din l-Iskema, huwa li l-intrapriża:

i) ittejjeb is-sensibilizzazzjoni tagħha dwar il-konsum tal-enerġija u tal-ilma tagħha;

ii) tidentifika u tevalwa, permezz ta' spejjeż u benefiċċji kwantifikati, opportunitajiet speċifiċi ta' ffrankar tal-enerġija u tal-ilma;

iii) tidentifika kif l-aħjar jiġu implimentati sistemi interni ta' ġestjoni tal-enerġija u tal-ilma.

*Data*

L-awditu tal-enerġija għandu jiġbor l-informazzjoni dwar id-data li ġejja:

i) Data u informazzjoni komprensivi dwar is-sistemi, il-proċessi u t-tagħmir għall-konsum tal-enerġija u l-ilma inkluż dawk relatati mat-trasport.

ii) Għall-użi ewlenin tal-enerġija, l-awditu għandu jinkludi data mkejla.

iii) Listi tat-tagħmir tas-sit li jinkludu informazzjoni dwar l-enerġija, deskrizzjoni tat-tagħmir, u skedi operattivi għall-utenti ewlenin tal-enerġija.

*Analiżi*

Ir-rapport tal-awditjar għandu jinkludi rieżami tal-konsum tal-enerġija li joħloq diżaggregazzjoni tal-użu tal-enerġija u jidentifika użi sinifikanti tal-enerġija. Id-diżaggregazzjoni għandha tiġi rrikonċiljata mal-kejl separat tas-sistemi, il-proċessi jew it-tagħmir li l-aktar jikkunsmaw l-enerġija. Għandu jittieħed l-istess approċċ meta jiġi rieżaminat il-konsum tal-ilma, speċjalment għal entitajiet li jużaw l-ilma b'mod kostanti fil-proċessi tagħhom.

**Schedule**

*Aim*

The aim of the energy audit under this Scheme, is for the enterprise to:

i) improve its awareness upon its energy and water consumption;

ii) identify and evaluate, through quantified costs and benefits, specific energy and water saving opportunities;

iii) identify how to best implement an internal energy and water management systems.

*Data*

The energy audit shall collate the following data information:

i) Comprehensive data and information on energy and water consuming systems, processes and equipment including transport-related.

ii) For the major energy uses the audit is to include metered data.

iii) Site equipment lists that include energy information, equipment description, and operating schedules for the major energy users.

*Analysis*

The audit report shall include a review of energy consumption creating a breakdown of energy use and identifying significant energy uses. Breakdown to be reconciled with sub-metering of the most energy consuming systems, processes or equipment. The same approach shall be taken when reviewing water consumption, especially for entities that use water constantly in their processes.

*L-Identifikazzjoni u l-Evalwazzjoni tal-Opportunitajiet*

L-awditu għandu jidentifika opportunitajiet ta' titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija u tal-ilma li jistgħu jiġu implimentati, inklużi azzjonijiet fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u fit-tul bl-iffrankar tal-enerġija rikonċiljat mal-bilanċ dettaljat tal-enerġija. L-awditu għandu jindika b'mod ċar l-iffrankar tipiku għal kull opportunità ta' ffrankar tal-enerġija u tal-ilma identifikata, inklużi suppożizzjonijiet jew kalkoli referenzjati.

L-opportunitajiet kollha ta' titjib għandhom jiġu deskritti bl-ispejjeż u l-benefiċċji, inklużi indikazzjonijiet ta' kisbiet "mhux finanzjarji" (eż. iffrankar ta' manutenzjoni, sikurezza mtejba jew impatt ambjentali mnaqqas). L-analiżi ekonomika tal-opportunitajiet ewlenin ta' titjib għandha tinkludi l-perjodu ta' rendiment għal kull opportunità ta' titjib.

*Analiżi Fakultattiva*

L-intraprīża tista' tagħżel li tippreżenta waħda mill-opportunitajiet għat-titjib tal-enerġija f'opportunità ta' investiment tan-negozju li tkun lesta biex tintuża. Din l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-intraprīża f'wieħed mill-mudelli pprovduti fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa elenkata fl-istess mudelli.

*Output*

Din li ġejja hija lista fil-qosor tar-rekwiżiti tar-rapport tal-awditjar miktub bl-Ingliż jew bil-Malti:

| |
|---|
| Stħarriġ dettaljat tal-binja (erja tal-art, numru ta' impjegati, użu tal-binja, livelli tal-art, sigħat tax-xogħol, id-disponibbiltà tal-ispazju fuq il-bejt, ġibjuni, eċċ.) |
| Il-konsum annwali tal-elettriku (kemm f'€ kif ukoll f'kWh) permezz ta' analiżi ta' kontijiet ta' utilità riċenti |
| Il-konsum annwali tal-ilma (kemm f'€ kif ukoll f'$m^3$) permezz ta' analiżi ta' kontijiet ta' utilità riċenti jew b'mod ieħor |
| Il-konsum annwali tal-fjuwil (kemm f'€ kif ukoll f'$m^3$ jew f'litri) permezz ta' analiżi tal-kontijiet riċenti |
| Analiżi tal-konsum tal-ilma għal tagħmir jew proċessi speċifiċi derivati mill-kejl tar-rati tal-fluss jew mis-sottomissjoni għal attivitajiet speċifiċi (it-tqassim ta' użu differenti tal-ilma). Ir-rapport għandu jippreżenta analiżi komprensiva tal-użu tal-ilma tal-intraprīża. |
| Analiżi tal-informazzjoni dwar il-konsum tal-enerġija biex tiġi ffurmata diżaggregazzjoni tal-użu tal-enerġija (it-tqassim ta' konsumaturi differenti tal-enerġija) |

*Opportunities Identification and Evaluation*

The audit shall identify implementable energy and water performance improvement opportunities, including short-term, medium-term and long-term actions with energy savings reconciled against the detailed energy balance. The audit shall clearly indicate typical savings for each energy and water saving opportunity identified, including either referenced assumptions or calculations.

All of the improvement opportunities are to be described with costs and benefits, including indications of "non-financial" gains (e.g. maintenance savings, improved safety or reduced environmental impact). The economic analysis of the major improvement opportunities is to include payback period for each improvement opportunity.

*Optional Analysis*

The enterprise may opt to present one of the energy improvement opportunities in a ready to use business investment opportunity. This information shall be presented by the enterprise in one of the templates provided on the Energy and Water Agency website, along with the required supporting documentation listed in the same templates.

*Output*

The following is a summary list of the requirements of the audit report written in English or Maltese:

| |
|---|
| Detailed building survey (floor area, number of employees, usage of building, floor levels, working hours, roof space availability, reservoirs, etc) |
| Annual consumption of electricity (both in € and kWh) by analyses of recent utility bills |
| Annual consumption of water (both in € and $m^3$) by analyses of recent utility bills or otherwise |
| Annual consumption of fuel (both in € and $m^3$ or litres) by analyses of recent bills |
| Analysis of water consumption for specific equipment or processes derived from measurement of flow rates or submetering for specific activities (charting of different water usage). The report should present a comprehensive analysis of the water use of the enterprise. |
| Analysis of energy consumption information to form a breakdown of energy usage (charting of different energy consumers) |

| | |
|---|---|
| Data mkejla tas-sistemi li l-aktar li jikkunsmaw enerġija (id-data għandha tiġi mkejla fuq perjodu ta' żmien adegwat li huwa rappreżentattiv ta' operazzjoni normali tan-negozju) | Metered data of the major energy consuming systems (data should be metered over an adequate period of time which is representative of a normal business operation) |
| L-inventarju tat-tagħmir li l-aktar li jikkonsma enerġija għandu jiġi elenkat flimkien ma' suppożizzjonijiet/kalkoli raġonevoli dwar l-għadd ta' sigħat ta' użu ta' kull biċċa tagħmir, sabiex wieħed jasal għal stima tajba tal-konsum annwali ta' dak it-tagħmir f'intrapriża. Ir-rapport għandu jippreżenta analiżi komprensiva tal-użu tal-enerġija tal-intrapriża. | Inventory of the major energy consuming equipment is to be listed together with reasonable assumptions/ calculations on the number of hours of use of each piece of equipment, to arrive at a good estimate of the annual consumption of that equipment in an enterprise. The report should present a comprehensive analysis of the energy use of the enterprise. |
| Analiżi tad-data miġbura u/jew tad-data kkalkolata | Analysis of gathered data and/or calculated data |
| Indikazzjoni tal-aqwa EnPIs (Indikaturi tal-Prestazzjoni tal-Enerġija) u Indikaturi tal-Prestazzjoni tal-Ilma għall-istabbiliment, dawn għandhom jiġu ppreżentati b'tali mod li jipprovdu għodda għall-intrapriża biex tkompli timmonitorja l-konsum tal-enerġija u tal-ilma tagħha wara l-awditu | Indication of the best EnPI's (Energy Performance Indicators) and Water Performance Indicators for the establishment, theses should be presented in a way so as to provide a tool for the enterprise to keep monitoring its energy and water consumption following the energy audit |
| Lista ta' Opportunitajiet potenzjali għat-Titjib tal-Enerġija (EIO) kif ukoll miżuri għall-effiċjenza u l-konservazzjoni tal-ilma rilevanti għall-intrapriża | List potential Energy Improvement Opportunities (EIO) as well as measures for water efficiency and conservation relevant to the enterprise |
| L-iffrankar mistenni tal-ilma u tal-enerġija tal-opportunitajiet ta' titjib (IO) issuġġeriti kollha | Expected water and energy savings of all suggested improvement opportunities (IO) |
| Analiżi Finanzjarja tal-IOs ewlenin inkluż il-perjodu ta' rkupru tal-kost | Financial Analysis of main IOs including payback period |
| Xi ritratti rilevanti (għandhom jiġu inklużi ritratti tal-loggers tad-data dwar l-enerġija konnessi mal-proċeduri tal-kejl tat-tagħmir/tal-ilma, ritratti ta' prattiki ħżiena/tajbin, telf tal-enerġija/tal-ilma, eċċ.) | Some relevant photos (to include photos of energy data loggers connected to equipment/water measurement procedures, photos of bad/good practices, energy/water losses, etc) |
| Informazzjoni importanti għall-awditu, eż. it-teħid ta' kampjuni ta' azzjonijiet jew l-esklużjoni ta' azzjonijiet li jikkunsmaw l-enerġija/l-ilma | Important information to the audit e.g. sampling of actions or exclusion of energy/water consuming actions |
| Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet | Conclusions and Recommendations |
| Inkludi dikjarazzjoni mid-diretturi tal-SME li tiċċertifika l-indipendenza tal-awditur | Include a statement by the directors of the SME attesting to the independence of the auditor |
| Data u Firma tal-Awditur tal-Enerġija | Date and Signature of Energy Auditor |

*Output Fakultattiv* *Optional Output*

| | |
|---|---|
| Waħda mill-opportunitajiet għat-titjib tal-enerġija f'wieħed mill-mudelli disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn indikata fl-istess mudell użat. | One of the energy improvement opportunities in one of the templates available on the Energy and Water Agency website, together with the supporting documentation indicated in the same template used. |

L-14 ta' Jannar, 2022 14th January, 2022

**Nru. 38**

**AĠENZIJA GĦALL-ENERĠIJA U L-ILMA**

**Il-Promozzjoni tal-Awditi tal-Enerġija fl-Iskema tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju – Applikazzjonijiet għall-Iskema B skont ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa**

SABIEX tkompli tħeġġeġ l-użu aħjar tar-riżorsi fi ħdan l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju kif ukoll biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ta' sostenibbiltà, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma qed tamministra l-iskema ffinanzjata nazzjonali li ġejja# li għandha l-għan li tippromwovi l-awditjar tal-enerġija fi ħdan l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Iskema").

**1. Deskrizzjoni tal-Iskema**

Permezz ta' din l-Iskema, l-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju li jikkwalifikaw jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju sabiex isir awditu tal-enerġija minn awditur tal-enerġija ċċertifikat. L-ambitu ta' tali awditu tal-enerġija għandu jkun marbut mal-investimenti msemmija fit-Taqsima 7 tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Permezz tal-awditu tal-enerġija, se jiġu identifikati opportunitajiet u investimenti għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u fl-ilma għal dawn l-intrapriżi.

L-intrapriżi għandhom japplikaw permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni uffiċjali għall-Iskema B, li tinstab fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. L-awditu tal-enerġija għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Iskeda. Wara li tirrieżamina l-Applikazzjoni, l-Aġenzija se tinforma lill-intrapriża permezz ta' ittra ta' intenzjoni jekk l-għotja għat-twettiq tal-awditu ġietx approvata. L-awditu għandu jitwettaq minn awditur tal-enerġija ċċertifikat magħżul mil-lista uffiċjali ta' awdituri tal-enerġija ppubblikata fuq is-sit web tar-Regolatur għas-Sorsi tal-Enerġija u tal-Ilma (REWS). Ir-rapport tal-awditjar għandu jiġi ppreżentat lill-Aġenzija fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-ittra ta' intenzjoni, sakemm l-Aġenzija tkun tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti estensjoni ta' darba biss għal dan il-perjodu fuq talba mill-intrapriża, liema talba għandha tistabbilixxi b'mod ċar ir-raġuni u l-ġustifikazzjoni għat-talba għal tali estensjoni. Ladarba l-awditu tal-enerġija jitlesta u jiġi ppreżentat lill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, din tal-aħħar se tiżgura li r-rapport jissodisfa r-rekwiżiti minimi kif dettaljati fl-Iskeda. Wara l-verifika tar-rapport tal-awditjar, il-benefiċjarju mbagħad jirċievi pagament għall-eżerċizzju tal-awditjar tal-enerġija abbażi tar-riċevuta fiskali oriġinali mibgħuta lill-Aġenzija li tindika l-ispiża attwali tal-awditu tal-enerġija. L-ammont rimborżat effettivament għandu jkun soġġett għal-limitu massimu stabbilit fit-Taqsima 4.

Barra minn hekk, l-intrapriża għandha tibbenefika minn ammont ta' rifużjoni addizzjonali kif deskritt fit-taqsima 4

**No. 38**

**ENERGY AND WATER AGENCY**

**Promotion of Energy Audits in Small and Medium Sized Enterprises Scheme – Scheme B applications under the General Block Exemption Regulation**

In order to further encourage the better use of resources within Small and Medium Enterprises and also to reach the national sustainability targets, the Energy and Water Agency is administering the following national funded scheme which aims to promote energy auditing within Small and Medium Enterprises (hereinafter referred to as the "Scheme").

1.2 The successful candidate must also demonstrate an ability to use graphic designer software, preferably Adobe Creative Suites, with particular reference to Photoshop, Illustrator and In Design, and have excellent knowledge of Microsoft Office suite applications (preferably having obtained a European Computer Driving License - ECDL qualification).

**Work Package**

2.0 In terms of the Collective Agreement binding all MSA employees for the period 2017-2022, the post of Administration Officer 5 falls within Salary Scale 3 with a

u jibda minn €26,969 għas-sena 2022, b'żidiet annwali li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

2.1 L-Uffiċċju joffri ambjent tax-xogħol attraenti, assigurazzjoni tas-saħħa, inċentivi għal studju kontinwu kif ukoll miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

**Termini u Kundizzjonijiet**

3.0 Din il-ħatra hija bbażata fuq kuntratt indefinit li huwa suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il xahar (12)

3.1 Diment li ma ssirx talba mill-maniġment minħabba l-eżiġenzi tal-Uffiċċju, mhux possibbli li jintalab trasferiment intern qabel ma jgħaddu sentejn (2) mill-bidu tax-xogħol.

3.2 Il-kandidat magħżul huwa meħtieġ illi jiffirma kuntratt li jiddikjara lilu nnifsu responsabbli għall-impenji li huwa magħżul għalihom.

3.3 Ir-riżultat jibqa' validu għal sena (1) mid-data ta' pubblikazzjoni.

**Dmirijiet**

4.1 Id-dmirijiet ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 bi speċjalizzazzjoni fid-Disinn Grafiku jinkludu:

a. Il-ħolqien ta' disinji grafiċi u viżwalizzazzjonijiet f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti, għall-pjattaformi tal-Media kollha tal-NSO;

b. Tfassil ta' typesetting, disinn, stampar u produzzjoni;

c. Il-produzzjoni ta' Infographics sabiex l-istatistika tintwera b'mod viżiv, li jkunu faċli għall-user biex jixtarr, bl-użu ta' kuluri u layouts xierqa għal kull grafika;

d. Tfassil ta' dokument ta' standardizzazzjoni għall-infografija; u

Għajnuna lill-kollegi fi kwalunkwe xogħol ieħor kif mitlub mill-Kap tal-Unità.

**Rekwiżiti**

5.0 Applikanti għal dan ix-xogħol għandu jkollhom:

Ċertifikat rikonoxxut fil-Livell MQF 5 f'qasam ta' suġġett rilevanti, flimkien ma' seba' (7) snin, jew ekwivalenti, ta' esperjenza rilevanti;

salary commencing at € 26,969 for the year 2022, rising by annual increments subject to a positive employee performance review.

2.1 The Office also offers a friendly working environment, a health insurance policy, policies to support further study and family- friendly measures such as flexible working arrangements.

**Terms and Conditions**

3.0 This appointment is on an indefinite contractual basis. The first twelve (12) months are subject to a probationary period.

3.1 It will not be possible to request an internal transfer before a two (2) year period from date of appointment as long as such request does not come from senior management due to work exigencies of the Office.

3.2 The selected candidate will be required to sign an undertaking signifying their commitment to the assignment for which they are selected.

3.3 The interview result will be valid for a period of one (1) year from the date of publication.

**Duties**

The duties of an Administration Officer 5 with specialisation Graphic Design include:

a. Creating graphic and visualisations designs in line with policy direction for all NSO Media platforms;

b. Designing proposals from typesetting through to design, print and production;

c. Producing infographics to visually illustrate statistics in a user-friendly way, using the appropriate colours and layouts for each graphic;

d. Drawing-up a standardisation document for infographics; and

Assisting colleagues in any other tasks as requested by the Head of Unit.

**Eligibility Requirements**

Applicants for this post must:

Be in possession of a recognised Certificate at MQF Level 5 in a relevant subject area together with seven (7) years, or equivalent, of relevant experience;

JEW

a. Ċertifikat fil-livell ta' MQF Livell 6 jew ogħla f'suġġett rilevanti fil-qasam (kandidati li jkunu ġew approvati għall-għoti ta' kwalifika ta' MQF Livell 6 jew ogħla, li għadhom ma ngħatawx formalment il-kwalifika, xorta jiġu kkunsidrati diment li l-kandidati jissottomettu evidenza ta' approvazzjoni għall-għotja tal-kwalifika);

b. Użu tajjeb tal-Ingliż, flimkien ma' użu tajjeb fil-Malti jew lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

c. Kondotta tal-Pulizija nadifa (maħruġa fl-aħħar sitt xhur).

5.1 Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jidħlu kwalifiki tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

**Sottomissjoni tad-Dokumenti Mitluba**

6.0 L-applikanti għandhom jibagħtu:

Ittra ta' applikazzjoni, curriculum vitae (CV), u kopji taċ-ċertifikati li jinkludu traskrizzjoni tar-riżultati;

Kopja tal-portafoll tagħhom li turi x-xogħol infografiku/disinn grafiku tal-mozzjoni tagħhom; u

formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-dejta u kondotta tal-Pulizija,

lill-Kap tar-Riżorsi Umani permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz (careers.nso@gov.mt) bit-titlu 'Post vakanti ta' Uffiċjal Amministarttiv 5 (Permess numru 377913)' sa nofsinhar (12.00 p.m.) (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa 28 ta' Jannar, 2022.

6.1 L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jintbagħtu elettronikament billi timtela l-applikazzjoni online mill-ħolqa (https://forms.gle/8FoRAaxz3Qx9JwLw8).

6.2 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-dejta tista' titniżżel mis-sit tal-NSO (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'punt 6.0.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

6.4 Ċertifikati oriġinali u/jew noti ta' xhieda għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.5 L-applikazzjonijiet milqugħa jiġu rikonoxxuti kollha.

OR

a. Be in possession of a recognised Certificate at MQF Level 6 or higher in a relevant subject area (candidates who have been approved for the award of an MQF Level 6 qualification or higher, who have not yet formally been conferred the qualification in question, will still be considered provided that candidates submit evidence of approval for the award);

b. Demonstrate a good command of the English language, together with Maltese or another official European language;

c. Be in possession of a clean Police Conduct (issued within the last 6 months).

5.1 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

**Submission of Supporting Documentation**

Applicants can send a:

Letter of application, curriculum vitae (CV) and copies of qualification certificates and transcript of results;

Copy of their portfolio showcasing their infographic/motion graphic work; and

A data protection consent form and Police conduct,

to the Head of Human Resources and Staff Development by noon (12.00 p.m.) (Central European Time) of Friday, 28th January, 2022, to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption 'Vacancy for the post of Administration Officer 5 (Jobsplus Permit number 377913)'.

6.1 Applications can also be electronically submitted by filling in the online application from the link (https://forms.gle/8FoRAaxz3Qx9JwLw8).

6.2 A data protection consent can be downloaded from the NSO website (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) and submitted with other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.3 Late applications will not be considered.

6.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.5 All applications received will be acknowledged.

6.6 Hija responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li jagħti biżżejjed ħin sabiex l-applikazzjoni tkun proċessata mill-Bord tal-Għażla.

**Proċedura tal-Għażla**

7.0 Dawk eleġibbli jiġu evalwati minn bord tal-għażla sabiex jiddeterminaw humiex xierqa għal dan ix-xogħol.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid jaqbeż 50%.

7.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li, minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont Artikolu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

**Noti Oħra**

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li hi kommessa li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

L-14 ta' Jannar, 2022

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

**Sejħa għall-Applikazzjonijiet għall-Pożizzjoni ta' Diriġent (l-Edukazzjoni u l-Iżvilupp) fil-Kunsill Malti għall-Arti**

*Numru tal-Permess ta' Jobsplus 886/2021*

Id-Diriġent (l-Edukazzjoni u l-Iżvilupp) se jkun responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp bħala parti mill-kunsinna tal-Istrateġija għall-2025 li jmiss tal-Kunsill Malti għall-Arti. Id-Diriġent se jaħdem mill-qrib mad-Direttur (il-Finanzjament u l-Istrateġija) u l-Kap (l-Istrateġija) sabiex jipprovdi direzzjoni strateġika għat-tagħlim kreattiv, l-edukazzjoni dwar l-arti, l-impenn taż-żgħażagħ fl-arti, il-bini tal-kapaċità, il-professjonaliżmu u l-iżvilupp tal-ħiliet għas-setturi kulturali u kreattivi.

Id-Diriġent se jkun ukoll mistenni li jikkordina u jipprovdi l-appoġġ fuq firxa ta' programmi u inizjattivi nazzjonali strateġiċi u pubbliċi tal-investiment li għandhom fil-mira tagħhom l-edukazzjoni dwar l-arti, it-taħriġ, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni formali u informali, l-iżvilupp professjonali u l-kollaborazzjonijiet bejn is-setturi artistiċi u tal-edukazzjoni. Il-bini tal-kapaċità għandu jkun immirat għal aspetti operazzjonali, kummerċjali u legali u bżonnijiet oħra ta' taħriġ identifikati fis-settur, kif ukoll fuq il-bżonnijiet speċifiċi tas-settur relatati mal-produzzjoni u l-konsum kulturali. Il-bini tal-kapaċità għandu jinkludi wkoll il-faċilitazzjoni tal-koperazzjoni fost is-setturi b'konformità mal-prijoritajiet ibbażati fuq l-evidenza u mmexxija mill-politika tas-setturi kreattivi u kulturali.

6.6 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the Selection Board.

**Selection Procedure**

7.0 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post.

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article 5.0, have proven relevant work experience.

**Other**

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

14th January, 2022

ARTS COUNCIL MALTA

**Call for Applications for the Position of Executive (Education and Development) at Arts Council Malta**

*Jobsplus Permit Number 886/2021*

The Executive (Education and Development) will be responsible for the development and implementation of the Education and Development strategic framework as part of the delivery of Arts Council Malta's upcoming Strategy 2025. The Executive will work closely with the Director (Funding and Strategy) and Head (Strategy) to provide strategic direction for creative learning, arts education, youth engagement in the arts, capacity building, professionalisation and skills development for the cultural and creative sectors.

The Executive will also be expected to coordinate and provide support on a range of national strategic public investment programmes and initiatives that target arts education, training, formal and informal education institutions, professional development, and collaborations between the artistic and education sectors. The capacity building should be targeted on both operational, commercial, and legal aspects and other training needs identified across the sector, as well as on specific needs of the sector relating to cultural production and consumption. The capacity building shall also include the facilitation of cross-sectoral cooperation in accordance with evidence-based and policy-driven priorities of the creative and cultural sectors.

Il-persuna maħtura se taħdem mill-qrib mal-Organizzazzjonijiet Pubbliċi Kulturali (PCOs), l-organizzazzjonijiet kulturali privati u volontarji, l-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi, l-edukaturi, l-artisti u l-prattikanti kreattivi u l-partijiet interessati ewlenin kif meħtieġ.

Il-kandidat ideali għandu jkollu rekord ta' suċċess fil-ġestjoni tal-proġetti u għarfien tajjeb dwar l-edukazzjoni dwar l-arti, it-tagħlim kreattiv u l-udjenzi ta' età żgħira fl-arti. L-għarfien, l-esperjenza u l-interess fis-setturi kulturali u kreattivi huma essenzjali speċjalment b'relazzjoni mal-edukazzjoni u l-iżvilupp.

**Responsabbiltajiet Ewlenin**

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-Edukazzjoni u l-Iżvilupp tal-Kunsill Malti għall-Arti waqt li jiffaċilita l-inizjattivi u l-programmi tal-kollaborazzjoni u l-isħubija fost is-setturi bejn il-Kunsill Malti għall-Arti, l-istituzzjonijiet edukattivi, l-entitajiet pubbliċi b'portafoll edukattiv kif ukoll entitajiet speċjalisti minn oqsma oħrajn bħax-xjenza, it-teknoloġija, il-midja, il-politika soċjali u l-innovazzjoni;

L-istabbiliment ta' rabtiet mal-istituzzjonijiet/l-akkademji tal-edukazzjoni u t-taħriġ; l-istabbiliment ta' rabtiet bejn l-industrija u l-istituzzjonijiet edukattivi bl-għan li tkun stabbilita jew tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja u jkun żgurat li t-taħriġ professjonali u vokazzjonali minn dawn l-istituzzjonijiet ikun ta' risposta għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol li qegħdin jinbidlu;

L-appoġġ u r-rakkomandazzjoni tan-networking bejn l-edukaturi, l-artisti żgħażagħ u l-prattikanti kreattivi fi ħdan kuntesti edukattivi formali u informali permezz ta' proġetti u inizjattivi li jindirizzaw il-bżonnijiet tas-setturi kulturali u kreattivi;

Ir-riċerka u d-disinn ta' inizjattivi b'kollaborazzjoni mal-entitajiet rilevanti, lejn l-investiment fit-taħriġ pedagoġiku għall-edukaturi u l-prattikanti kreattivi li jaħdmu fl-edukazzjoni u l-komunitajiet sabiex jippromovu l-professjonalizzazzjoni u l-għarfien iktar profond fl-edukazzjoni dwar l-arti inkluż it-tagħlim kreattiv;

Il-komunikazzjoni ma' Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi sabiex itejbu l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-pjattaformi għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ tagħhom sabiex jipprovdu programmi ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni ta' kwalità;

L-iżvilupp u t-twassil ta' inizjattivi mmirati sabiex iżidu n-numri u jżidu l-impenn ta' udjenzi ta' età żgħira permezz ta' programmi speċifiċi ma' organizzazzjonijiet kulturali;

L-appoġġ lill-istabbiliment ta' networks ta' prattikanti u edukaturi kreattivi b'sensibilizzazzjoni profonda ta' prattiki

The person appointed will work closely with Public Cultural Organisations (PCOs), private and voluntary cultural organisations, schools and education institutions, educators, artists and creative practitioners and other key stakeholders as required.

The ideal candidate will have a successful track record in managing projects and good insight of arts education, creative learning and young audiences in the arts. Knowledge, experience and interest in the cultural and creative sectors is essential especially in relation to education and development.

**Main Responsibilities**

To develop and implement Arts Council Malta's strategic framework for Education and Development while facilitating initiatives and programmes of cross-sectoral collaboration and partnership between ACM, education institutions, public entities with an education portfolio as well as specialist entities from other fields such as science, technology, media, social policy and innovation;

To establish links with education and training institutions/academies; establish links between industry and educational institutions with the aim of establishing or strengthening existing collaboration effects between industry and academia and ensure the professional and vocational training by such institutions is responsive to the changing needs of the labour market;

To support and advocate for networking between educators, young artists and creative practitioners within formal and informal education settings through projects and initiatives that address the needs of the cultural and creative sectors;

To research and design initiatives in collaboration with the relevant entities, towards the investment in pedagogical training for educators and creative practitioners working in education and communities to promote professionalisation and deeper understanding of arts education including creative learning;

To liaise with Public Cultural Organisations to strengthen their education, training and youth participation platforms so as to provide high quality education and outreach programmes;

To develop and deliver initiatives aimed at increasing the numbers and deepening the engagement of young audiences through specific programmes with cultural organisations;

To support the establishment of networks of creative practitioners and educators with deep awareness of

pedagoġiċi relatati mal-edukazzjoni dwar l-arti u l-arti fl-edukazzjoni;

Il-ħidma għat-tisħiħ ta'mekkaniżmi ta' akkreditazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni dwar l-arti sabiex is-setturi jkunu professjonali;

Il-provvista ta' appoġġ u pariri minn esperti dwar l-inizjattivi u l-miżuri mmirati għat-taħriġ u l-bini tal-kapaċità għall-iżvilupp tal-karriera fis-setturi kulturali u kreattivi;

Il-ħidma mill-qrib mal-Kap tal-Finanzjament fil-ġestjoni ta' programmi ta' finanzjament immirati għall-iżvilupp professjonali, l-iskemi tal-apprentistat, l-edukazzjoni dwar l-arti u l-proġetti kreattivi bbażati fuq l-iskola u l-iskemi relatati;

L-appoġġ u l-ġestjoni ta' inizjattivi ta' taħriġ għal mexxejja kulturali u impjegati fis-setturi kulturali u kreattivi inkluż iżda mhux limitati għall-impjegati pubbliċi li jaħdmu fis-settur;

Il-bidu ta' proġetti kollaborattivi mmirati sabiex iżidu l-ispazji operattivi għas-setturi, u flimkien mal-entitajiet rilevanti jidentifika l-ispazji u l-mudelli operattivi possibbli;

L-appoġġ u l-iżvilupp ta' miżuri mmirati għat-titjib tal-istatus tal-artist inkluż ix-xogħol ta' sensibilizzazzjoni mal-entitajiet rilevanti li jindirizzaw il-bżonnijiet legali, professjonali u operazzjonali tal-professjonisti kreattivi;

Il-kordinazzjoni ma' Assoċjati oħra fuq kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni u l-iżvilupp;

L-istabbiliment ta' rabtiet formali u informali ma' networks u istituzzjonijiet internazzjonali u Ewropej li jiffukaw fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ, il-bini tal-kapaċità, il-formazzjoni u l-professjonalizzazzjoni tas-settur, u l-kunsiderazzjoni, u, fejn ikun xieraq, l-iżvilupp ta' standards nazzjonali bbażati fuq punti ta' riferiment internazzjonali għar-rikonoxximent professjonali ta' ħaddiema u professjonisti kulturali u kreattivi;

Il-kordinazzjoni u l-monitoraġġ ta' ftehim formali eżistenti u potenzjali ma' istituzzjonijiet oħrajn li jaqgħu taħt dan il-mandat, bil-għan li jkun iffaċilitat l-aċċess għall-arti u l-kreattività kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet;

Il-kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-Kultura dwar kwistjonijiet relatati mal-profil strateġiku jew xogħlijiet speċifiċi għas-settur;

Obbligi oħrajn kif ikunu assenjati.

pedagogical practices related to arts education and arts in education.

To work on the strengthening of accreditation mechanisms of arts education organisations to as to professionalise the sectors;

To provide support and expert advice on initiatives and measures aimed towards training and building capacity for career development in the cultural and creative sectors;

To work closely with Head of Funding in the management of funding programmes aimed towards professional development, apprenticeship schemes, arts education and school-based creative projects and related schemes;

To support and manage training initiatives to cultural leaders and employees in the cultural and creative sectors including but not limited to public employees working in the sector;

To initiate collaborative projects aimed at increasing operating spaces for the sectors, and together with the relevant entities identify possible spaces and operating models.

To support and develop measures aimed at improving the status of the artist including advocacy work with the relevant entities addressing legal, professional and operational needs of the creative professionals;

To coordinate with other Associates on matters relating to education and development;

To establish formal and informal links with international and European networks and institutions focusing on education, training, capacity building, formation, and professionalisation of the sector, and to consider and, where appropriate, develop national standards based on international benchmarks for the professional recognition of cultural and creative workers and professionals;

To coordinate and monitor existing and potential formal agreements with other institutions falling under this remit, with the aim of facilitating access to arts and creativity as well as skills development;

To collaborate with the Culture Directorate within the Ministry responsible for Culture on matters related to the strategic profile or sector-specific tasks;

Other duties as assigned

**Il-Konsultazzjoni**

B'kordinazzjoni ma':

Id-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru responsabbli mill-Kultura, il-maniġment tal-Kunsill Malti għall-Arti, l-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, u partijiet interessati oħrajn fi ħdan il-Gvern li l-politiki u l-operazzjonijiet tagħhom huma marbuta b'mod dirett jew indirett mal-prestazzjoni tas-settur;

Il-partijiet interessati u r-rappreżentanti tas-settur ewlenin (organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet professjonali) tas-setturi kulturali u kreattivi, kemm dawk nazzjonali u dawk internazzjonali;

L-istituzzjonijiet edukattivi ewlenin responsabbli għat-taħriġ tal-istudenti u professjonisti futuri fis-settur, inkluż iżda mhux limitati għall-Università ta' Malta, l-MCAST, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-iskejjel speċjalizzati li jipprovdu t-taħriġ fl-arti, il-patrimonju u l-awdjoviżwal;

Istituzzjonijiet edukattivi li jipprovdu edukazzjoni formali u mhux formali inkluż istituzzjonijiet tal-edukazzjoni dwar l-arti;

Individwi, organizzazzjonijiet mhux governattivi u networks ta' fornituri tas-servizz li jikkontribwixxu għall-edukazzjoni u t-taħriġ fis-setturi kulturali u kreattivi;

L-istituzzjonijiet tar-riċerka rilevanti li jiġbru d-data u l-informazzjoni dwar il-ħila professjonali tas-settur;

Networks u istituzzjonijiet internazzjonali u Ewropej li jiffukaw fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ, il-bini tal-kapaċità, il-formazzjoni u l-professjonaliżmu tas-settur

**Is-Superviżjoni Mogħtija**

Is-superviżjoni ġenerali mid-Direttur (il-Finanzjament u l-Istrateġija) u l-Kap (l-Istrateġija).

**It-Titjib Individwali**

It-twettiq ta' taħriġ ta' tmexxija u ta' ġestjoni xierqa fil-kuntest tal-Programm għall-Iżvilupp Professjonali Kontinwu miftiehem mad-Direttur (il-Finanzjament u l-Istrateġija)

Ikun infurmat sew dwar:

Il-kwistjonijiet tal-iżvilupp kulturali, soċjali u ekonomiku speċjalment dawk speċifikament relatati mas-settur kulturali u s-setturi kulturali u kreattivi, b'fowkus fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ;

**Consultation**

Coordinating with:

The Culture Directorate within the Ministry responsible for Culture, the management of ACM, the Public Cultural Organisations, and other stakeholders within government whose policies and operations are directly or indirectly linked to the performance of the sector;

The Key stakeholders and sectoral representatives (organisations and professional associations) of the CCS, both nationally and internationally;

The key educational institutions responsible for the training of students and future professionals in the sector, including but not limited to the University of Malta, MCAST, the Ministry of Education, the specialized schools providing training in the arts, heritage, and audiovisuals;

Educational institutions providing formal and non-formal education including arts education institutions;

Individuals, non-governmental organisations, and networks of service providers contributing towards education and training in the CCS;

The relevant research institutions that gather data and information on the professional capacity of the sector;

International and European networks and institutions focusing on education, training, capacity building, formation, and professionalism of the sector

**Supervision Received**

General supervision from the Director (Funding and Strategy) and Head (Strategy).

**Self-improvement**

To undertake appropriate leadership and management training within the context of a Continuous Professional Development Programme agreed with the Director (Funding and Strategy)

Acting to be well informed on:

Cultural, social, and economic development issues especially the ones specifically related to the cultural sector and the CCS, with a focus on education and training;

Ix-xejriet emerġenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ, il-formazzjoni, il-bini tal-kapaċità u l-iżvilupp professjonali inġenerali fis-settur fi ħdan l-isfera internazzjonali, inkluż aspetti relatati mat-tagħlim kreattiv, l-approċċi pedagoġiċi, l-istandards tal-leġiżlazzjoni, id-drittijiet, l-oqfsa tal-kwalifiki u kwistjonijiet relatati;

L-iżviluppi ġodda fl-operazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi u s-setturi kulturali u kreattivi f'Malta fi ħdan il-qafas tal-formazzjoni professjonali kontinwa u l-ħtiġijiet tat-taħriġ tagħhom.

**Il-Kwalifiki u l-Esperjenza Meħtieġa**

Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF fl-Edukazzjoni dwar l-Arti, it-Tgħallim u t-Tagħlim (dixxiplina artistika), l-Arti tal-Prattika Soċjali, l-Arti u/jew il-Ġestjoni Kulturali, l-Industriji Kreattivi u/jew l-Intraprenditorja flimkien ma' sena ta' esperjenza rilevanti.

JEW

Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta fl-Livell 6 tal-MQF fl-Edukazzjoni Dwar l-Arti, it-Tgħallim u t-Tagħlim (dixxiplina artistika), l-Arti tal-Prattika Soċjali, l-Arti u/jew il-Ġestjoni Kulturali, l-Industriji Kreattivi u/jew l-Intraprenditorja flimkien ma' tliet snin ta' esperjenza rilevanti.

U

L-għarfien u l-interess estensivi fis-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta,

L-esperjenza ppruvata fis-settur tal-edukazzjoni dwar l-arti hija essenzjali u l-esperjenza fit-tmexxija f'dan ir-rigward huma mixtieqa,

Il-passjoni u l-viżjoni għall-bini ta' kapaċitajiet edukattivi iktar qawwija għas-setturi kulturali u kreattivi,

L-esperjenza preċedenti fl-edukazzjoni dwar l-arti u/jew l-arti f'kuntesti edukattivi,

L-għarfien tal-politika u tal-leġiżlazzjoni internazzjonali, Ewropea u nazzjonali relatata mas-setturi kulturali u kreattivi b'fowkus fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp professjonali,

Il-ħila li jagħmel abbozzi ta' korrispondenza, proposti ta' riċerka, rapporti, noti tat-taħdit, dokumenti ta' diskussjoni u dokumenti ta' pożizzjoni,

Emerging trends in education, training, formation, capacity building, and overall professional development of the sector within an international sphere, including aspects relating to creative learning, pedagogical approaches, legislation, standards, rights, qualifications frameworks, and related matters;

New developments in the operations of Public Cultural Organisations and CCS in Malta within the framework of their continuous professional formation and training needs.

**Qualifications and Experience Required**

A recognised Masters qualification at MQF Level 7 in Arts Education, Teaching and Learning (Artistic discipline), Social Practice Arts, Arts and/or Cultural Management, Creative Industries and/or Entrepreneurship plus 1 year relevant experience.

OR

A recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 in Arts Education, Teaching and Learning (Artistic discipline), Social Practice Arts, Arts and/or Cultural Management, Creative Industries and/or Entrepreneurship plus 3 years relevant experience.

AND

Extensive knowledge and interest in Malta's cultural and creative sectors,

Proven experience in the arts education sector is essential and leadership experience in this regard is desirable,

Passionate and visionary in building stronger educational capacities for the cultural and creative sectors,

Previous experience in arts education and/or arts in education contexts,

An understanding of international, European, and national policy and legislation relating to the cultural and creative sectors, with a focus on education, training, and professional development,

Ability to draft correspondence, research proposals, reports, speech notes, discussion documents and position papers,

Il-wirja ta' ħila b'saħħitha sabiex jinterpreta l-indikaturi tan-negozju sabiex ikunu identifikati x-xejriet,

Il-ħiliet ta' ħsieb orjentati fuq l-istrateġija u l-ħiliet analitiċi eċċellenti,

L-għarfien tajjeb tal-monitoraġġ u r-riċerka u l-metodu tal-istatisika,

Il-komunikazzjonijiet eċċellenti (orali u bil-miktub) u ħiliet interpersonali,

L-entużjażmu u l-motivazzjoni,

Id-diplomazija u l-assertività biex jittratta man-nies,

Il-ġudizzju żviluppat b'mod tajjeb u l-abbiltà biex jagħmel id-deċiżjonijiet,

L-abbilità li jrawwem u jsawwar relazzjonijiet ta' xogħol effettivi mal-entitajiet li jaqgħu fi ħdan il-portafoll tal-Kunsill Malti għall-Arti,

Il-kapaċità li jaħdem b'mod indipendenti b'attenzjoni għad-dettall,

Il-ftehim tal-iżvilupp sostenibbli speċjalment fl-oqsma tal-kultura, il-politika soċjali, il-komunitajiet u l-edukazzjoni.

**Informazzjoni dwar il-Kuntratt u s-Salarju**

Il-kandidat magħżul se jkollu kuntratt ta' xogħol full-time fuq bażi indefinita. Is-salajru mħallas se jkun salajru bażiku ta' €29,625 fl-2022 (Grad 5 tal-Istruttura tal-Gradi u s-Salarju tal-Kunsill Malti għall-Arti), u Kopertura tas-Sahra sa 15% fis-sena u Bonus tal-Prestazzjoni sa 10% fis-sena.

**Applikazzjonijiet**

L-applikanti interessati huma meħtieġa li jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati lil (vacancies@artscouncil.mt).

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija l-Ġimgħa, 28 ta' Jannar, 2022, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli se jkunu mitluba biex jagħmlu intervista tal-għażla.

L-14 ta' Jannar, 2022

Demonstrated strong ability to interpret business indicators to identify trends,

Strategy-oriented thinking skills and excellent analytic skills,

Good knowledge of monitoring and research and statistics method,

Excellent communications (oral and written), and interpersonal skills,

Enthusiasm and motivation,

Diplomacy and assertiveness in dealing with people,

Well-developed judgement and the ability to make decisions,

Ability to foster and cultivate effective working relationships with the entities falling within the portfolio of ACM,

Capable of working independently with an attention to detail,

An understanding of sustainable development especially in the areas of culture, social policy, communities, and education.

**Contract and Salary Information**

The selected candidate will enter into a full-time employment contract on an indefinite basis. The salary paid will be of a basic salary of €29,625 in 2022 (Grade 5 of the ACM Grading and salary Structure), a Disturbance Allowance of up to 15% per annum and a Performance Bonus of up to 10% per annum.

**Applications**

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and copies of certificates to (vacancies@artscouncil.mt).

Closing date for applications is Friday, 28th January, 2022, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

14th January, 2022

AWTORITÀ TAD-DJAR

**Skema ta' Equity Sharing – 2019**

B'referenza għall-Iskema Equity Sharing – 2019 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Mejju, 2019, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel dawn l-emendi:

*(a) Temenda Klawsola 1 biex taqra kif* ġej*:*

Din l-iskema hija intiża għal applikanti li ma jistgħux jixtru r-residenza tagħhom mingħajr l-għajnuna tal-Awtorità tad-Djar. L-iskema msejħa Skema ta' Equity Sharing ser tapplika għal persuni 'l fuq minn tletin (30) sena li jitħajru jixtru d-dar tagħhom billi jixtru mhux anqas minn nofs il-prezz tal-proprjetà waqt li r-rimanenti jkun irid jinxtara aktar 'il quddiem. L-Awtorità tad-Djar, min-naħa tagħha ser tixtri s-sehem mhux akkwistat mill-applikanti liema sehem ikun ta' mhux aktar minn nofs il-proprjetà. Wara l-għoxrin (20) sena, l-applikanti ser ikollhom l-obbligu li jixtru s-sehem mixtri mill-Awtorità tad-Djar bl-istess prezz akkwistata minnha.

*(b) Temenda Klawsola 5 biex taqra kif ġej:*

Jistgħu japplikaw għal din l-iskema, dawk il-persuni li sad-data tal-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, ikunu:

(a) koppji miżżewġin jew żewġ persuni msieħba f'Unjoni Ċivili – wieħed mill-applikanti jrid jkollu 30 sena fid-data tal-applikazzjoni;

(b) ġenitur wieħed 'il fuq minn 30 sena li jkollu tifel/tifla jew tfal jgħixu miegħu li mhumiex miżżewġin;

(c) żewġ persuni flimkien – wieħed mill-applikanti jrid jkollu 30 sena fid-data tal-applikazzjoni;

(d) ġuvni jew xebba 'l fuq minn 30 sena;

(e) persuna legalment separat/a 'l fuq minn 30 sena mingħajr tfal jgħixu miegħu/magħha.

*(c) Temenda Klawsola 8 subklawsola (d) biex taqra kif* ġej*:*

(d) Matul is-sena preċedenti tal-applikazzjoni, id-dħul annwali m'għandux jaqbeż il-limiti massimi li ġejjin kemm għall-individwi kif ukoll għall-applikanti konġunti:

| Età | Dħul Massimu |
|---|---|
| 30-34 | €25,000 |
| 35-39 | €30,000 |
| 40 + | €40,000 |

L-14 ta' Jannar, 2022

HOUSING AUTHORITY

**Equity Sharing Scheme – 2019**

With reference to Equity Sharing Scheme – 2019 published in the Government Gazette of the 21st May, 2019, the Housing Authority wishes to effect the following amendments:

*(a) Clause 1 to read as follows:*

This scheme is intended for those applicants who are unable to purchase their residence without the help of the Housing Authority. The Scheme, entitled Equity Sharing Scheme will apply for persons over the age of thirty (30), who intend to buy their residence by purchasing at least fifty per cent of the property whilst the rest will have to be purchased by them at a later stage. On the other side, the Housing Authority will purchase itself the remaining portion not purchased by the applicants which should not be more than fifty percent of the property. After twenty (20) years, the applicants will be obliged to purchase the Housing Authority's share by paying the same price paid by the Authority Housing.

*(b) Clause 5 to read as follows:*

The following categories of persons, who on the date of the first publication of this advert in the Government Gazette, can apply under this scheme:

(a) one of the applicants must be 30 years old on date of application in case of married couples/two persons who have entered into a Civil Union;

(b) single parents over 30 years of age with an unmarried son/daughter or unmarried children living with him/her;

(c) one of the applicants must be over 30 years in case of two persons applying jointly;

(d) single persons aged 30 years or over;

(e) legally separated persons over 30 years of age without children living with her/him the whole time.

*(c) Clause 8 sub-clause (d) to read as follows:*

(d) during the preceding year of application, the yearly income should not exceed the following maximum thresholds for both individuals and joint applicants:

| Age Bracket | Maximum Income |
|---|---|
| 30-34 | €25,000 |
| 35-39 | €30,000 |
| 40 + | €40,000 |

14th January, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

**Avviż**

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Tas-Sliema huwa dan li ġej, jiġifieri:

**Kandidat Nominat**

JOHN BERNARD DOUGALL

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Anthony Chircop għal-Lokalità ta' Tas-Sliema, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), nhar it-Tnejn, is-17 ta' Jannar, 2022 fid-9.00 a.m. fis-Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

L-14 ta' Jannar, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

**Notice**

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Tas-Sliema is the following that is:

**Nominated Candidate**

JOHN BERNARD DOUGALL

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Anthony Chircop for the Locality of Tas-Sliema, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), on Monday, 17th January, 2022 at 9.00 a.m. at the Counting Hall Complex, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

14th January, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

**Avviż**

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidati nominati skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Ħad-Dingli huma dawn li ġejjin, jiġifieri:

**Kandidati Nominati**

CAMILLERI JOHN
DEMICOLI ALEXANDER

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Sandro Azzopardi

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

**Notice**

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidates nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Ħad-Dingli are the following that is:

**Nominated Candidates**

CAMILLERI JOHN
DEMICOLI ALEXANDER

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Sandro

għal-Lokalità ta' Ħad-Dingli, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), nhar it-Tnejn, is-17 ta' Jannar, 2022 fid-9.30 a.m. fis-Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

L-14 ta' Jannar, 2022

Azzopardi for the Locality of Ħad-Dingli, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), on Monday, 17th January, 2022 at 9.30 a.m. at the Counting Hall Complex, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

14th January, 2022

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Eżami għall-Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għal persuni li jagħmlu installazzjoni tal-Elettriku skont l-Avviż Legal 225 tal-2010 – Frar 2022**

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż tal-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet bin-numru tat-telefown 2598 2958 jew b'ittra eletronika lil (myexams@gov.mt).

L-14 ta' Jannar, 2022

EXAMINATIONS DEPARTMENT

**Authorisation Examination for the Application of Authorisation of a Service Provider for Electrical Installations as per Legal Notice 225 of 2010 – February 2022**

The Director of Examinations notifies that the notice of the abovementioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the notice of the examination are advised to contact immediately the Department of Examinations on telephone number 2598 2958 or by email to (myexams@gov.mt).

14th January, 2022

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Eżami li Jikkwalifika għall-Post ta' Security Guard fis-Servizz Pubbliku ta' Malta – Novembru 2021**

*Eżami tal-Kitba*

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat tal-eżami msemmi ġie pubblikat u wieħed jista' jmur jarah il-Customer Care, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx ir-riżultat tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet bin-numru tat-telefown 2598 2958 jew b'ittra elettronika lil (myexams@gov.mt).

L-14 ta' Jannar, 2022

EXAMINATIONS DEPARTMENT

**Qualifying Examination for the Post of Security Guards in the Malta Public Service – November 2021**

*Written Examination*

The Director of Examinations notifies that the result of the abovementioned examination has been published and may be seen at the Customer Care, Ministry for Education and Sport, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

Those applicants who have not received their results are advised to contact immediately the Department of Examinations on telephone number 2598 2958 or by email to (myexams@gov.mt).

14th January, 2022

BORD TAL-KOPERATTIVI

**(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)**

**Avviż ta' Emenda ta' Regola fl-Istatut**

**Ordni Nru. 11**

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 2 tal-Istatut ta' 'Crossroad Co-operative Society Ltd' ġiet emendata. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fl-20 ta' Diċembru, 2021, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(2) tal-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

L-20 ta' Diċembru, 2021
CB 34/79/88

CO-OPERATIVES BOARD

**(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)**

**Notice of Amendment of Rule in Statute**

**Order No. 11**

It is hereby notified that rule number 2 of the Statute of 'Crossroad Co-operative Society Ltd' has been amended. The Co-operatives Board has duly registered this amendment on the 20th December, 2021, in accordance with article 37(2) of Act No. XXX of 2001.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

20th December, 2021

BORD TAL-KOPERATTIVI

**(Att Nru. XXX tal-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi)**

**Avviż ta' Emenda ta' Regola fl-Istatut**

**Ordni Nru. 10**

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 2 tal-Istatut ta' 'Koperattiva Youtheme Ltd' ġiet emendata. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fl-20 ta' Diċembru, 2021, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(2) tal-Att Nru. XXX tal-2001

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

L-20 ta' Diċembru, 2021
CB 34/79/135

CO-OPERATIVES BOARD

**(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)**

**Notice of Amendment of Rule in Statute**

**Order No. 10**

It is hereby notified that rule number 2 of the Statute of 'Koperattiva Youtheme Ltd' has been amended. The Co-operatives Board has duly registered this amendment on the 20th December, 2021, in accordance with article 37(2) of Act No. XXX of 2001.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

20th December, 2021

BORD TAL-KOPERATTIVI

**(Att Nru. XXX tal-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi)**

**Statut Rivedut**

**Ordni Nru. 12**

Ngħarrfu b'dan illi l-istatut ta' 'Vista Cooperative Society Limited' ġie rivedut u emendat. Il-Bord tal-Koperattivi approva dan l-istatut rivedut fl-20 ta' Diċembru, 2021.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

L-20 ta' Diċembru, 2021
CB 34/79/89

CO-OPERATIVES BOARD

**(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)**

**Revised Statute**

**Order No. 12**

It is hereby notified that the statute of "Vista Cooperative Society Limited" has been revised and amended. The Co-operatives Board approved the revised statute on the 20th December, 2021.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

20th December, 2021

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IS-SERVIZZI FINANZJARJI

Lista ta' kuntratti tal-offerta*, kuntratti tal-kwotazzjoni, direct orders u konċessjonijiet mogħtija mill-Awtorità ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2021 u l-31 ta' Diċembru, 2021, ippubblikati skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku L.S. 601.03.

L-14 ta' Jannar, 2022

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

List of tender contracts*, quotation contracts, direct orders and concessions awarded by Malta Financial Services Authority during the period between 1st July, 2021 and 31st December, 2021, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03

14th January, 2022

**Offerti/*Tenders**

